# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI 2 3 7 9

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 2859/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Antoinette Vella**

**vs**

**CareMalta Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.**

Illum 14 ta' April 2015

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Antoinette Vella ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fid-29 ta' Novembru 2010 tramite l-avukat Dottor Tonio Azzopardi.

PRELIMINARI

Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li kien hemm provi li hadu fit-tul, kien hemm anke l-htiega li b'mod preliminari dan il-kaz jigi deciz fuq punti legali.

Dan il-kaz kien originarjament instema minn dan it-Tribunal kif diversament kompost, imbaghad sar appell u l-kaz mar lura ghall-azzjoni dixxiplinari li l-ezitu taghha wassal ghall-kaz odjern. Ir-rikorrenti qajmet diversi eccezzjonijiet ta' natura legali, u dan it-Tribunal ghadda biex fis-6 ta' Dicembru 2011 jaghti Decizjoni Parzjali fuq il-punti legali mqajma. Hemmhekk kien gie deciz li fl-

ewwel lok dan it-Tribunal ma jistax jerga' jiehu konjizzjoni tat-talba li biha giet ikkontestata t-tkeccija tal-1 ta' Settembru 2005, fit-tieni lok gie deciz li l-procedura adottata mill-kumpanija intimata fl-2010 sabiex jigi investigat il-kaz tar- Rikorrenti ma kien fiha xejn li jirrendiha nulla jew invalida, u fit-tielet lok gie deciz li t-tkeccija tat-2 ta' Novembru 2010 ma kienx fiha difett procedurali insanabbli, u ghalhekk hija valida. Fuq l-iskorta ta' dan, it-Tribunal ordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz fuq il-punti l-ohra li ma kienux ghadhom decizi.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-rikors promotur taghha, Antoinette Vella tghid li hija kenet impjegata mas-socjeta` CareMalta Limited bhala Manager fiz-Zejtun Home, izda fl-1 ta' Settembru 2005 l-impieg taghha gie tterminat sommarjament mic-Chief Executive Officer ta' dak iz-zmien, l-Inginier Alex Tranter, minghajr ma nharget akkuza preciza (letter of discharge) sabiex hija tkun tista' tiddefendi ruhha sewwa. Tghid li hija ressqat il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali (Kaz numru 2333HW) li b'decizjoni tat-23 ta' Frar 2010 cahad it-talbiet taghha; hija appellat quddiem il-Qorti tal-Appell fuq punt ta' ligi u b'sentenza tal-21 ta' Mejju 2010 dik il-Qorti annullat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u poggietha fil-pozizzjoni ta' qabel it-tkeccija "*b'mod li tkun tista' tigi rinfaccjata kif imiss bl-akkuza specifika ta' l-inadempiment taghha ghall-ahjar kontestazjoni preventiva da parti taghha u tad-difiza kompleta*." Tghid li wara din id-decizjoni hija marret ghax-xoghol izda ma thallietx tidhol fil-premises mill-employer taghha. B'danakollu l-kumpanija intimata regghet bdiet thallasha salarju mill-21 ta' Mejju 2010 u fil-11 ta' Gunju 2010 l-intimata harget l-akkuzi godda kontra r-rikorrenti, liema akkuzi ma kienux iffirmati mic-Chief Executive Officer tal-kumpanija, u liema akkuzi gew ikkontestati mir-rikorrenti.

Tghid li hija giet ordnata tidher quddiem Bord tad-Dixxiplina li fit-2 ta' Novembru 2010 iddecieda li "*For these reasons, the Board concludes that since you, as Home manager of Zejtun Home, occupied a position of trust, for the reasons cited above, affirms that the dismissal was justifiable.* "
Tghid li s-salarju taghha waqaf b'effett minn dakinhar tat-2 ta' Novembru 2010. Ir-rikorrenti kkontestat kemm il-proceduri dixxiplinari tal-2005 kif ukoll dawk tal-2010, oltre li kkontendiet li t-tkeccija taghha kienet ingusta, u talbet *re-instatement*, oltre li talbet li tigi kkumpensata ghad-danni li sofriet, u li jigi ordnat li hija tircievi s-salarju li tilfet bejn l-2005 u l-2010, imbaghad mit-2 ta' Novembru 2010 'il quddiem.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, r-rikorrenti ziedet tghid li fl-2010 inhargulha numru ta' akkuzi li ma kienux inhargulha fl-2005, li ghandhom jitqiesu invalidi. Ziedet ukoll li l-Bord tad-Dixxiplina kien kompost minn persuni li jahdmu mal-kumpanija intimata u dan ma kienx gust; u oggezzjonat ghall-fatt li d-decizjoni ffirmaha membru wiehed biss tal-Bord tad-Dixxiplina

Is-Socjeta` intimata irrispondiet li preliminarjament gialadarba l-appellanti ma kkontestatx il-forma tal-process dixxiplanarju fiz-zmien li kien qed isir, l-intimata ma tistax tikkontrasta kif l-appellanti tasserixxi li tali process mhuwiex validu. Tghid li in kwantu l-appellanti ma spjegatx b'mod car il-kontestazzjoni taghha, l-intimata irriservat li taghmel sottomissjonijiet ohra. Tghid ukoll li gialadarba ma kienx hemm xi procedura dixxiplinari iffissata minn xi ftehim kollettiv jew xi dokukmenti iehor b'forza kontrattwali, il-process dixxiplinarju huwa wiehed li jaqa' fil-funzjoni manigerjali u ghalhekk difficli wiehed jifhem x'inhuma l-kontestazzjonijet dwar il-forma li qed tavvanza l-appellanti. (a) Tghid li ghal dak li jirrigwarda s-sustanza dwar il-gustifikazzjoni o meno tat-tkeccija, l-intimata kellha raguni tajba u sufficjenti fil-ligi: dak li gie riskontrat mill-Bord ta' Dixxiplina jikkostitwixxi ragunijiet tajba u sufficjenti ghat-tkeccija. (b) Tghid li l-asserzjoni li l-proceduri huma rregolari mhix sostnuta bi provi. (c) Dwar *reinstatement* tghid li Artikoluu 81(1) tal-kap 452 jeskludi

ghal kollox il-possibilita' li dan it-Tribunal jilqa' din it-talba. (d) Dwar it-talba ghal likwidazzjoni ta' danni li jkunu jkopru t-telf ta' paga mid-data tat-tkeccija originali sad-data li hija tidhol lura ghax-xoghol tghid li din m'ghandhiex bazi legali, u kumpens ghal paga mitlufa wara t-2 ta' Novembru 2010 se mai tkun koperta mit-talba ghal kumpens xieraq. (e) Dwar il-kumpens xieraq tghid li dan mhux dovut peress li t-tkeccija kienet gusta. (Gew rizervati eccezzjonijiet ulterjuri.).

IL-PROVI MIGJUBA

Ir-rikorrent ressqet ammont kbir ta' dokumenti li kienu jinkludu provi migjuba fi proceduri ohra, inkluz ix-xhieda taghha stess. Ir-rikorrenti bdiet billi ressqet traskrizzjoni tax-xhieda li tat f'Gunju 2010 quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.
Tghid li wara li kien ilha kwazi 12-il sena fil-kariga ta' *manager ta' Elderly Home*, kien gie ghall-arrieda s-sur Alex Tranter u staqsiha qattx irceviet rigali, u hi innotat li per ezempju fiz-zmien il-Milied il-haddiema kienu jigbru flus u jaghtu rigal lic-Chairman, lis-CEO u lill-managers tal-Homes diversi, igifieri anke lilha. Is-sur Tranter qalilha li mhux ghal dawk kien qed jirreferi, u staqsiha dwar salib li kienet liebsa f'ghonqha, u qaltlu li dak kienet taghtulha wahda mill-haddiema. Imbaghad staqsiha qattx bieghet oggetti mill-Home, u hi cahdet. Tghid li imbaghad akkuzaha li accettat hamsin Lira Maltija talli taghtu kamra *single* ghalih wahdu; tghid li dawn il-kmamar jinghataw skond min ikun imissu, pero` hija cahdet li rceviet flus ghal dan, u minn naha tieghu is-sur Tranter ma qalilhiex ghal min kien qed jalludi.
Tghid imbaghad li kien hemm certa Maria Taliana li allegat li tatha mitt Lira Maltija talli dahhlitilha lil ommha fil-Home: ir-rikorrenti tichad li rceviet flus u tghid li l-unika ghajnuna li tatha kien li gabitilha formola ghat-trasferiment ta' ommha, u ghenitha timliha. Hija tispjega kif din Maria Taliana kienet taghmel minn kollox biex tinghogob maghha, bhal tigi tkellimha fl-ufficju u tistaqsiha x'ghandha bzonn spiss, tmur tara lil omm u missier l-istess Antoinette Vella li

kienu residenti gol-Home, sahansitra fil-granet li kienet tkun *off*, u kienet tmur izzurhom fi granet li anqas lil ommha stess ma tkun marret izzur. Tghid li tant Maria Taliana kienet izzur lil genituri tar-rikorrenti spiss, li kien ikollha tkecciha minn hdejhom bil-pulit biex tkellimhom wahedha. Meta xi drabi r-rikorrenti gibditilha l-attenzjoni biex ma tqattax daqstant hin fl-ufficju taghha, hija kienet issaqsiha jekk kellhiex tibqa' tirrappurtalha min ikun qed jaghmel xi haga hazina. Tispjega li biex tidhol gol-Home ried ikun hemm decizjoni tal-Admission Board li kien kompost minn ghaxra minn nies, fosthom Dr Dimech li kien serju immens,u s-sur Charlo` Bonnici li barra li kien jahdem mac-Chairman Nazzareno Vassallo kien ukoll jahdem mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-anzjani Dr Antoine Mifsud Bonnici. Tghid li din Taliana kienet qed tiehu hafna kunfidenza maghha , bhal f'Milied minnhom xtratilha xi gojjellerija, iccemplilha u tibghatilha sms's kontinwament; darba baghtitilha biex tghidilha li kienet gharwiena go sauna, darba ohra haditha f'hanut biex tixtri libsa u dahlitilha goc-changing-room u ma riditx tohrog, anzi bdiet tghaddilha hafna kumplimenti fuq persunitha u anke missitha, tant li imbarazzatha; minn hawn ir-rikorrenti ddecidiet li taqta' kemm tista' l-kuntatt minn maghha.

Dwar l-akkuza li xi carers kienu qed jithallsu aktar mir-rata stabbilita, hi tghid li hi ma jkollha x'taqsam xejn mal-pay-rolls u r-rati tal-hlas tistabbilihom il-kumpanija intimata. Tghid li l-management tal-kumpanija kienu kuntenti hafna biha u anke kienu baghtulha ittra ta' tifhir li ghamlitha go *frame*. Tghid li l-kumpanija kienet torganizza *role-change day* u fl-2005 kien imissha taghmilha ta' driver, u biex izzomm mar-regola spiccat tqandel numru kbir ta' cilindri tal-arja biex tehodhom vojta l-isptar, jimlewhomlha u ggibhom lura.

Tghid li l-akkuza li zammet haddiema fuq ix-xoghol meta suppost ikunu *off*, aktarx tirreferi ghal dawk il-hames xhur meta l-Home kienet qed issirilha *extension* kbira, u allura diversi haddiema kienu qed jidhlu hin zejjed biex jghinu fix-xoghol extra li din l-*extension* kienet qed tirrikjedi. Tghid li din l-akkuza setghet kienet tirreferi ghall-haddiema li kellhom lil xi hadd mill-genituri taghhom residenti fl-istess Home, bhal ma kienet omm Maria Taliana –

dawn kienu jigu hemm biex jaraw lill-genituri taghha fil-hin li jkunu *off*, u ma setghux jinzammu milli jaghmlu dan.

Dwar l-akkuza li bieghet oggetti ta' residenti li kienu mietu, tghid li kien hemm okkazjoni wahda fejn il-qraba ta' wiehed residenti xtrawlu "harness" u xi oggetti ohra privatament, izda r-resident miet mill-ewwel, u wiehed mill-qraba staqsiha jistghux dawn l-oggetti jinbieghu lil haddiehor fil-Home. Peress li kienu ghadhom godda, u peress li kienet taf li tali apparat spiss kien ikun hemm bzonn jinxtara, hallsitu taghhom u zammithom fil-Home ghal meta jinqala' xi bzonn urgenti. Tghid li fil-fatt malajr gie haddiehor isaqsihom ghal apparat simili, u hi bieghethom lilhom, dejjem bl-istess prezz; igifieri bla gwadann ta' xejn.

Dwar l-akkuza li hija kienet qed izzomm ic-Chapel Funds, tghid li dawn kien izommhom tas-security, u mhux hi, u kienu jinzammu registri ta' xi jkun dahal u fejn ikunu marru. Anzi, s-sur Tranter kien jghid lill-managers tal-Homes l-ohra biex jaghmlu bhalha u l-ispejjez tal-kappella jgibuhom billi jinholoq Chapel Fund, li fih kienu jidhlu l-flejjes u d-donazzjonijiet li kienu jaghtu n-nies. Tghid li originarjament kienu jgibu qassis iqaddes, u min jitlob quddiesa kien ihallas lill-qassis direttament; imbaghad dahal qassis residenti u l-flus li kien jinghata kien idahhalhom fic-Chapel Fund.

Tghid li s-sur Alex Tranter kecciha fl-1 ta' Settembru 2005 bl-akkuza li irceviet rigali kontra r-regolamenti, pero` fl-ittra tat-tkeccija semma din bhala "*serious offence*" kif ukoll "*other shortcomings*". Tghid li seta' kien il-kaz li ghamlet xi haga zbaljata matul iz-zmien ghaliex kull min jahdem jizbalja, pero` qatt ma ghamlet zbalji gravi u l-intenzjoni taghha dejjem kienet li ggib 'il quddiem l-interessi tal-kumpanija u lill-anzjani.

Giet prodotta traskrizzjoni ta' kontroezami tas-sur Alex Tranter li sar f'Awwissu 2010 quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, fejn gie mistoqsi x'kienu x-*shortcomings* li ssemmew fl-ittra tat-tkeccija ta' Antoinette Vella, u dan qal li dawn ma kienux affarijiet gravi, tant li r-rikorrenti inzammet fl-impieg. Jghid li l-aktar haga gravi kienet li accettat rigali, pero` din ittiehdet fil-kuntest ta' "shortcomings" zghar ohra. Meta mistoqsi jidhirlux li kienet haga normali li

impjegat ikollu xi warnings matul karriera ta' 15-il sena, is-sur Tranter qal li 'le' dan ma kienx normali ghaliex skond is-sur Tranter in-normali kien li haddiem ma jkollu ebda warning, bhal ma qatt ma qala' warning hu nnifsu. Jghid li l-warnings kienu jinghataw bil-miktub, u lir-rikorrenti kienu inghatawlha warnings: hu jqis din bhala xi haga mhux normali ghal manager minhabba l-pozizzjoni taghha. Jghid li meta jinghata warning, dan jibqa' jghodd ghal dejjem – ma jiskadi qatt. Mistoqsi jaqbilx li Antoinette Vella tat kontribut enormi meta l-Home kien qed isirilha extension, Tranter jghid li hi hadmet bhall-ohrajn; pero` meta kkontrastat bl-ittra ta' tifhir li Nazzareno Vassallo baghat lir-rikorrenti, Tranter ammetta li tali ittra ma ntbaghtitx lill-haddiema l-ohra ukoll. Is-sur Tranter jichad li ihares lejn ir-rikorrenti b'mod ostili, imma fl-istess hin ma riedx jitkellem fuq l-ittra ta' tifhir li intbaghtitilha jekk ma jitkellimx ukoll fuq il-warnings li hija qalghet. Jghid li ha in konsiderazzjoni dak li qaltlu wahda anzjani li Antoinette Vella kienet iggieghelha thossha qeghda f'Kamp ta' Koncentrament, izda jirrifjuta li jghid min kienet din l-anzjana u jichad li dan jigi "hearsay." Jghid li huwa ma riedx jikxef l-identita' tal-anzjana jew anzjani li ilmentaw mir-rikorrenti ghax dawn ma xtaqux jittellghu Qorti. Dwar l-ittra ta' tifhir, is-sur Tranter jghid li s-sur Vassallo kitibha ghax mhux residenti, u huma r-residenti li jafu kif iggib ruhha r-rikorrenti. Meta mistoqsi xi jghid dwar il-fatt li r-rikorrenti kienet iddum x-xoghol anke sad-disgha ta' bil-lejl, is-Sur Tranter b'ton ardit u arroganti irrisponda billi staqsa lill-avukat tar-rikorrenti jekk rahiex hu personalment tahdem sa dawk il-hinijiet.

Dwar ic-Chapel Fund is-sur Tranter jghid li r-ricevuta li hareg il-manager Neville Schembri ghal Lm1482 kienet fis-7 ta' Settembru 2005, igifieri gimgha wara li r-rikorrenti tkecciet. Jghid li dawk instabu minn Neville Schembri wara li hija telqet, ghax qabel kienu mohbijin u hadd ma kien jaf bihom. Ir-rikorrenti interveniet u fakkret lix-xhud li kien hemm diversi laqghat li ghalihom hu kien prezenti fejn is-sur Vassallo irrakkomanda lill-managers l-ohra jaghmlu Chapel Fund bhal ma ghamlet hi, u li jinzammu *records* f'registri bhal ma kienu izommu l-erba' persuni tas-security - ghal dan is-sur Tranter irrisponda li din kienet opinjoni.

Dwar l-akkuza li r-rikorrenti irceviet flus biex xi resident jigi trasferit minn kamra "sharing" ghal wahda "single", ix-xhud jibqa' ma jghidx min kien dan l-anzjan, u fuq is-suggeriment tal-avukat li r-rikorrenti ma setghetx tifhem ghal min kien qed jirreferi konsiderando li hi hadet hsieb mijiet ta' anzjani matul is-snin, ix-xhud iqajjem plejtu dwar kif l-avukat jaf li hadet hsieb 'mijiet' ta' anzjani.

Mistoqsi x'kienu r-rigali li rceviet ir-rikorrenti, ix-xhud isemmi l-flus li tghid li hallset Maria Taliana u s-salib. Meta suggerit lilu li dan kien salib tal-hadid li ma jiswiex flus, is-sur Tranter jghid li ebda rigal ma seta' jigi accettat, u l-valur tieghu kien irrelevanti. Fuq suggeriment li anke hu kien jaccetta rigali, is-sur Tranter cahad; hawnhekk interveniet ir-rikorrenti u fakkret lix-xhud li darba c-chef Johnny Jones kien ghaddielu rigal maghha, u x-xhud jghid li ma kellux idea ta' dan l-incident. Meta r-rikorrenti regghet insistiet max-xhud li dak ir-rigal hadu u ma baghtux lura, is-sur Tranter irrisponda li dan ma kellux x'jaqsam ghaliex hi kienet qed tigi investigata, mhux hu. Ir-rikorrenti akkuzat lis-sur Tranter li kien imqabbad maghha u spiss jghajjarha li hi mis-"south" ta' Malta, u ghal dan ix-xhud irrisponda ghal diversi drabi li dan ma kellux x'jaqsam mal-kaz taghha.

Meta mistoqsi jekk meta kecca lir-rikorrenti mill-impieg kienx emmen lil Maria Taliana meta allegat li kien hemm zewg okkazjonijiet fejn hija qabdet u dahlet fl-officju tar-rikorrenti, fethitilha l-kexxun personali taghha u hallitilha Lm50 kull darba minghajr ma kellmitha xejn fuqhom, ix-xhud jghid li emmen ghaliex Taliana qalet dan b'affidavit, u hadha in konsiderazzjoni.

Dan ix-xhud jghid li sa fejn jaf hu ma kien hemm ebda policy dwar xi jsir mill-affarijiet tar-residenti li jmutu, pero` sa fejn jaf hu jithallew fuq il-post ghall-uzu generali.

Giet prodotta traskrizzjoni ta' Maria Taliana fejn saret referenza ghal affidavit taghha li bih hi spjegat kif xtaqet titrasferixxi lil ommha minn St Catherine's Home ghall-Home taz-Zejtun. Tghid li r-rikorrenti assistietha fl-applikazzjoni, u meta finalment sar it-trasferiment, hija tat lis-sinjura Vella kartolina ghall-birthday taghha u kellha Lm50 go fiha. Ghaddiet gimgha u haditilha envelope

iehor b'Lm50 go fih, u s-sinjura Vella qaltilha biex ma tibqax ittiha rigali. Mistoqsija tghid jekk kellhiex relazzjoni tajba mar-rikorrenti, Taliana tghid li dejjem kienet tajba hafna, izda wara xi zmien xi hadd qalilha li r-rikorrenti kienet qed tghassilha ghax kienet qed tmur hdejn ommha waqt il-hin tax-xoghol. Meta mistoqsija allura ghalfejn qed taghmel il-hsara b'din it-testimonjanza taghha, ix-xhud tghid li xi hadd gie jghidilha li r-rikorrenti qed tiftahar li dahhlitilha lil ommha fil-Home, u hi rrispondiet li ta' dan kienet tatha Lm100, pero` din kienet verita`. Meta mistoqsija kemm hallset flus zejda lil St Catherine's Home, ix-xhud tghid li aktarx ma hallset xejn zejjed, mentri fl-affidavit qalet li hallset ta' xahar shih; hija spjegat li setghet kienet zbaljata dwar jekk hallsitx flus zejda jew le, imma kienet certa li tat Lm100 rigal lir-rikorrenti. Tghid li tathomlha minkejja li taf li hi ma kellhiex sehem fid-decizjoni tat-trasferiment, imma ghax hasset li ghenitha ghax minn zmien ghal zmien kienet iccempel biex taralha fejn tkun waslet l-applikazzjoni. Hija taccetta li kienet tidhol fl-ufficju tar-rikorrenti biex tehodilha kafe minn jeddha, u taccetta li kienet tqatta' aktar hin ma omm ir-rikorrenti milli m'ommha ghax jekk toqghod hdejn ommha kienu igergrulha. Dwar li kienet iccempel lir-rikorrent ghal xejn b'xejn meta tkun ma shabha, Taliana tghid li kienu jkunu shabha li jcemplu lis-sinjura Vella imbaghad jghaddulha t-telefon.

Din ix-xhud tghid li ghall-bidu kienet tmur tajjeb hafna ma' Vella, izda imbaghad wara xi zmien li dahlet ommha fil-Home ir-rikorrenti bidlet l-attitudni taghha u sahansitra gaghlitha tixtri apparat ghal ommha meta ma kellhiex bzonnu.

Giet prodotta traskrizzjoni tax-xhieda ta' Elaine Atkins li ghamlet sentejn tahdem bhala care-worker u sussegwentement bhala segretarja tar-rikorrenti ghal hames snin. Tghid li kienet tmur tajjeb mas-sinjura Vella, u kienet tinnota li l-haddiema l-ohra gieli kienu jistiednu lill-istess rikorrenti tmur tohrog maghhom, li ghaliha kien ifisser li Vella kienet tmur tajjeb anke mal-ohrajn. Tghid li l-flus li kienu jingabru ghall-kappella kien jiehu hsiebhom il-persuna responsabbli mis-Security, u kien izomm rendikont tad-dhul u hrug. Dwar is-

sinjura Taliana tghid li skantat kif din irrappurtat xi haga fuq ir-rikorrenti ghax sakemm kienet tahdem hemm hi, Taliana kienet spiss tidhol fl-officju tar-rikorrenti u tistedinha tohrog maghha jew tmur tiehu kafe maghha. Tghid li meta r-rikorrenti kienet tkun ser tohrog kienet tinfurmaha.

Giet prodotta traskrizzjoni tax-xhieda tar-rikorrenti Atoinette Vella fejn tghid li kien ikun hemm okkazjonijiet fejn is-superjuri taghha kienu jesigulha li lil xi anzjan partikolari ituh kamra ghalih wahdu qabel ma jkun missu t-turn. Tghid li sa fejn taf hi l-warnings li kienu tawha kienu dwar il-fatt li kienet tohrog mill-Home u ma tinfurmax lil ta' tahtha b'dan. Tghid li dan seta' kien veru, pero` hija kienet tippreferi ma toqghodx tavvza lil ta' tahtha li ser titlaq biex dawn ma jabbuzawx mill-assenza taghha. Tghid ukoll li s-sur Tranter kien jaqbad u johorgilha warning minghajr anqas biss jisma x'ghandha xi tghid fuq il-kas. Tghid li l-fatt li kienet taghmel hinijiet twal fil-Home aktar milli kien mistenni minnha ma giex apprezzat. Dwar Maria Taliana tghid li din baqghet iggib ruhha maghha ta' l-ikbar hbieb sa l-ahhar gurnata, tant li dakinhar ir-rikorrenti damet xoghol sal-10:00 ta' bil-lejl u Taliana (li kien imissha x-shift ta' bil-lejl) kienet il-hin kollu gejja u sejra toffrilha li tghinha, iggibilha l-kafe u anke xi haga x'tiekol. Dwar is-sur Tranter tghid li dan meta imbaghad kellimha biex jinfurmaha li kien ser ikecciha mill-impieg akkuzaha li hadet flus minn ghand ir-residenti, u ma semma xejn dwar flus minn ghand Taliana. Tghid li meta insistiet ma' Tranter biex jghid liema residenti qed jallega li ghaddielha xi flus, Tranter qal li dan ir-resident miet u ma riedx jghid min kien. Tghid li l-allegazzjonijiet ta' Taliana inqalghu wara li hija tkecciet.

Giet prodotta t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Maria Schembri, li kienet senior carer fil-Home. Tghid li r-rikorrenti kienet timxi sew ma' kulhadd u qatt ma kienet innotatha li kienet taghmel xi preferenzi. Tghid li ghalkemm kienet tkun hafna fl-officju, qatt ma rat lil hadd jaghti xi flus jew rigali lir-rikorrenti, hlief li fil-Milied il-haddiema kienu jaghtu rigal lir-rikorrenti kif ukoll lis-sur Tranter u lil Charmaine. Tghid li meta dahlet tahdem bhala senior carer, Maria Taliaba ghamlet habibha maghha malajr u fi zmien qasir bdiet tigi tirrappurtalha

x'ikunu ghamlu hazin il-kollegi taghha. Anzi spiccat anke ccemplilha regolarment id-dar biex mhux talli tirrapporta lil shabha, talli kienet tuza ton li jekk ma jittihdux passi kontra dawk il-kollegi kienet ser iggibha fl-inkwiet. Ir-rapporti kienu jkunu trivjali, bhal li xi carer ma tkunx ghamlet xi sodda sewwa. Tghid li imbaghad Taliana ghamlet hbieb mar-rikorrenti u bdiet tinqata' minn maghha. Lir-rikorrenti bdiet tmur tehodilha l-kafe' spiss, tehodilha l-gallettini, tmur izzurilha lil ommha (omm ir-rikorrenti) aktar milli zzur lil ommha stess, u lil omm ir-rikorrenti kienet anke tehodilha oggetti bhal yoghurts u krema. Tghid li Taliana kien offritilha li tehodha week-end break u tiehu lir-rikorrenti ukoll, imma din ix-xhud irrifjutat.

Giet esebita l-ittra tal-11 ta' Gunju 2010 li biha r-rikorenti giet akkuzata b'numru ta' nuqqasijiet, li huma:-

- li accettat rigali minn ghand residenti jew qraba taghhom;
- li accetat Lm50 minn ghand resident ragel biex jintbaghat f'kamra wahdu;
- li hadet Lm100 minn ghand Ms Taliana talli trasferitilha 'l ommha mill-Home ta' St Catherine's ghall-Home taz-Zejtu;
- li bhal ma ammettiet mas-sur Tranter, accettat gizirana bhala rigal;
- li l-impjegati l-godda kienu qed jithallsu differentment milli kif stabbilit;
- li f'jum ir-Role Change Day, meta hija hadet ir-rwol ta' "driver", giet akkumpanjata minn minn impjegat meta ma kellux ikun hekk;
- li ppermettiet impjegati li jibqghu fil-Home u anke jieklu hemm wara li jkunu spiccaw mix-xoghol;
- li bieghet oggetti li kienu jappartjenu lil resident tal-Home li miet; u
- li instabulha Lm1,000 fl-officju taghha, allegatament tac-Chapel Fund, li ma kienux awtorizzati mill-Care Malta, meta fuq kollox il-flejjes li nghaddew ghall-quddies suppost thallsu lill-qassis in kwistjoni.

Gew esebiti numru ta' dokumenti ohra, fosthom sentenzi tat-Tribunal u tal-Qorti, kif ukoll id-**decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina tat-2 ta' Novembru 2010** li kkonkludiet li r-rikorrenti naqset meta accettat Lm100 minn ghand Maria Taliana, iddeplorat il-fatt li r-rikorrenti attakkat il-kredibilita' ta' Maria

Taliana, u qieset il-bejgh ta' oggetti appartenenti lil resident li miet bhala irregolari.  Gie deciz li peress li l-kariga tar-rikorrenti kienet wahda ta' fiducja, il-kumpanija ma setax jibqaghlha fiducja fir-rikorrenti u giet ikkonfermata t-terminazzjoni tal-impieg taghha.

Giet imbaghad prodotta traskrizzjoni tax-xhieda moghtija quddiem it-Tribunal Industrijali meta ntema' l-kaz l-ewwel darba.  L-ewwel giet prodotta dik ta' Maria Taliana li spjegat kif hija talbet lir-rikorrenti tghinha titrasferixxi lill-ommha ghall-Home taz-Zejtun, u din ghenitha billi mlitilha l-formola u billi minn zmien ghal zmien kienet iccempel x'imkien biex tara fejn waslet l-applikazzjoni. Tghid li wara li ommha giet trasferita hassitha obbligata lejn ir-rikorrenti u tatha zewg rigali ta' Lm50 il-wiehed. Tghid li lis-sinjura Vella kienet tafha bhala qalbha tajba, pero` min ixellifha maghha kien imur hazin.  L-uniku dizgwid li kellha mar-rikorrenti kien dwar it-trattament mediku ta' ommha: ma kinitx qed taqbel ma' dak li kienet qed tordnalha s-sinjura Vella. Tghid li maz-zmien kien hemm min qalilha li s-sinjura Vella kienet qed tibghatilha nies jghassulha, u finalment dehrilha li kellha tirrapporta lis-sinjura Vella fuq din tal-Lm100 ghaliex xi hadd gie jghidilha li s-sinjura Vella kienet qed tghid li hi irrangat biex titrasferilha 'l ommha ghall-Home taz-Zejtun. Hija kkonfermat dak li qalet qabel li l-ewwel Lm50 li tat lir-rikorrenti kienu flimkien ma birthday card li kienu go envelop li ghaddietu lir-rikorrenti f'idejha, u t-tieni Lm50 poggiethom go envelop li ukoll tatu lir-rikorrenti f'idejha. Tghid li r-rikorrenti qatt ma talbitha flus. Hija tikkonferma li fil-birthday card kitbitilha "*Dear Mrs Vella, the best manager, a very best friend*." Taliana tammetti li kienet tidhol fl-ufficju tar-rikorrenti spiss, imma tichad li kienet taghmel dan biex tissemma fuq x'qed jigri fil-Home.  Hija tammetti li gieli harget mar-rikorrenti, u dwar li ccempel lir-rikorrenti waqt li kienet tkun harget ma' shabha tghid li shabha kienu jcemplu lis-sinjura Vella  imbaghad jghaddulha l-mobile biex tkellimha hi, bhal biex jiccajtaw.  Dwar il-fatt li l-affidavit taghha kien bl-Ingliz, is-sinjura Taliana tghid li dan gie preparahulha haddiehor.

Giet prodotta t-traskrizzjoni tas-sur Alex Tranter quddiem it-Tribunal, li b'zieda ma' dak li inghad qabel, dan ix-xhud enfasizza l-principju li l-impjegati ma jistghu qatt jaccettaw flus jew rigali minn ghand ir-residenti jew qraba taghhom, l-anqas bhala ringrazzjament. Pero` jekk ikun hemm min jinsisti u jaghti, l-ghotja titqieghed go staff-fund, li imbaghad jitqassam mal-impjegati kollha indaqs, fl-ahhar tas-sena. Jghid li kien hemm kaz ta' anzjan partikolari li kkonfermalu li ta flus lir-rikorrenti, u fuq dan ir-rikorrenti kienet giet sospiza.

Dwar warnings jghid li f'Ottubru 1996 Vella talli ma kinitx instabet fuq il-post tax-xoghol. Dakinhar tal-warning is-sinjura Vella kitbet lura tghid li bhala manager hija kellha diskrezzjoni tohrog skond il-bzonn, u li fil-fatt ma kienx veru li dakinhar ma kinitx hemm.

Imbaghad inghatat it-tieni warning f'Settembru 1999 meta huwa prova jcemplilha fuq ix-xoghol imma ma rrisponditux u kkonkluda li ma kinitx fuq il-post tax-xoghol. Wara kien hemm ilment mill-Welfare Committee li ma kienx qed jinghata l-informazzjoni kollha li kien qed jitlob minn ghand ir-rikorrenti dwar x'tip ta' rigali kienu lesti li jircievu r-residenti.

Jghid li fl-2003 gibdu l-attenzjoni tar-rikorrenti li gialadarba l-Home taz-Zejtun kienet ser tikber minn 60 sodda ghal 160 sodda, hija kellha tkun aktar stretta f'xoghlha u ma kelliex tibqa' tiehu "breaks" twal.

Jghid li fi Frar 2004 gibdulha l-attenzjoni ukoll li kienet qed iddum biex tghaddi dokumentazzjoni, bhal invoices, lill-Head Office.

Imbaghad jghid li kellu diversi ilmenti minn diversi impjegati fis-sens li r-rikorrenti kienet tiffavorixxi certi impjegati fuq ohrajn. Ilmentaw li t-trattament differenti (ahjar) ta' certi impjegati kien qed idejjaq lill-impjegati l-ohra, fejn allura jinholoq klima ta' rivalita'.

Jghid li sema li r-rikorrenti kienet qed tixtri oggetti minn ghand ir-residenti jew il-qraba taghhom, imbaghad terga' tbieghhom, li ma kienx korrett.

Jghid ukoll li meta kienu qed jigu ingaggati impjegati godda, ir-rikorrenti ma kinitx qed tindikalhom kemm kien ser ikun l-istarting wage.

Dan ix-xhud deherlu li kien irregolari ukoll meta fir-Role Change Day is-sinjura Vella telghet bil-polza biex tahdem ta' deliverman, u biex taghmel dan ix-xoghol hija gabet tghinha care-worker li kienet off-duty.

Dwar it-tkeccija s-sur Tranter jghid li meta fl-2005 is-sinjura Vella kienet taht il-lenti minhabba dawn il-hafna nuqqasijiet, waslitilhom informazzjoni li hija kienet qed taccetta flus jew rigali. Jghid li wara li resident partikolari kkonferma li taha Lm50 talli ttrasferietu minn kamra 'shared' ghal kamra wahdu, huwa talab lir-rikorrenti tghidlu xi flus kienet qed tircievi, izda hi cahdet li qatt irceviet flus jew rigali. Jghid li hi ammettiet biss li xi hadd kien taghha gizirana li ma tiswiex flus. Jghid li r-residenti kienu qishom iridu jilmentaw u fl-istess hin kienu qishom jibzghu jitkellmu peress li s-sinjura Vella kienet fuqhom, pero` wahda kienet qaltlu li s-sinjura Vella kienet stretta fuq il-hinijiet u fuq meta jiccaqilqu minn posthom, u xebbhet ruhha ma' kamp tal-koncentrament.

Nathalie Briffa Farrugia u Charlo Bonnjic kkonfermaw li kienu fuq il-Bord tad-Dixxiplina tal-2010, li kif inghad qabel, ikkonkluda li r-rikorrenti kellha titkecca minhabba li accettat Lm100 minn ghand Maria Taliana u minhabba li bieghet propjeta` ta' residenti li miet.

Skond it-traskrizzjoni ta' Charmaine Attard, l-Operations Manager tal-Care Malta Ltd, xi impjegati bdew jilmentawlha li r-rikorrenti kienet qed timxi bil-preferenzi bejn haddiema u ohrajn, partikolarment fit-tqassim tax-shifts, fuq min jigi permess li jiehu l-leave, u fuq lil min tippermetti jidhol fl-ufficju taghha. Ohrajn ilmentaw li bdew jaqilghu warnings ingusti. Tghid li haddiema kienu qed ihossuhom maltrattati minhabba t-twemmin politiku taghhom. Tghid li ghall-bidu hija kienet tiddefendi lir-rikorrenti, izda meta bdiet tara li l-ilmenti tad-diversi haddiema kienu jaqblu, allura bdiet temmen li l-ilmenti kienu reali. Tghid li ghalkemm is-sinjura Vella tkecciet fuq l-accettazzjoni ta' rigali, kien hemm "build-up" fuq hafna ilmenti u warnings precedenti. Tghid li anke hi ma setghetx tiftakar min kien ir-resident li allega li hallasha flus, pero` ftakret li dan kien miet. Tghid li "skoprew" li carers li kienu qed jigu impjegati godda kienu qed jithallsu b'rata aktar baxxa minn dik stabbilita. Tghid li lil Vella ma kellmithiex dwar l-allegazzjoni ta' Taliana li

tatha l-flus, ghax Vella kienet diga' sospiza fuq il-kaz tar-resident l-iehor li allega li taha l-flus.
Tghid ukoll li saru jafu b'okkazjonijiet fejn residenti li jmutu ihallu l-affarijiet warajhom, u r-rikorrenti kienet tbieghhom, meta dawn suppost jithallew hemm ghal min jigi bzonn.
Tghid li dwar ic-Chapel Fund, il-qassis kien qalilha li r-rikorrenti kienet titlob id-donazzjonijiet minn ghand ir-residenti, imma imbaghad hadd ma kien ikun jaf x'sar minnhom dawk il-flus li jigu donati.

Vanessa Darmanin xhedet quddiem dan it-Tribunal li kienet carer fil-Home taz-Zejtun, fejn anke kellha l-ommha bhala residenti. Tghid li fil-bidu Vella kienet tahdem hafna, anke sal-10:00 u l- 11:30 ta' bil-lejl meta suppost kienet tkun sal-5:00, ghax l-istaff kien zghir. Tghid li l-unici ilmenti li taf li kien ikun hemm mill-impjegati kienu ikunu ghaliex Vella tkun ikkoregiethom u ma jkunux hadu gost b'dan.

Antoinette Vella xhedet ukoll quddiem dan it-Tribunal, u b'zieda ma' dak li inghad qabel, u li hu relevanti ghal dan il-kaz, xhedet li l-kumpanija kienet kuntenta hafna b'xogholha, u c-Chairman Nazzareno Vassallo kien tant kuntent b'xogholha li anke taha ittra ta' rikonoxximent fl-2003, meta kienet ilha tahdem hemm minn Marzu tal-1994. Tghid li s-sur Tranton kien juriha li kien imqabbad maghha, u b'ezempju tghid li meta jiftehmu li jkunu ser imorru ghal xi meeting x'imkien, kienu jistennew lil min jigi tard, pero` Tranton kien iwissiha lilha personalment li jekk tittardja hi ma jistennihiex. Tghid li gieli ghajjad management meeting meta hi tkun leave, avolja ma jkun hemm xejn urgenti. Tghid li avolja s-sur Tranter kien qalilha li kellu provi f'idejh li hija kienet irceviet flus, hija cahdet dan ghax ma kienx veru. Tghid li baqa' jsaqsiha erba' darbiet, u hija baqghet tichad, imbaghad qalilha li tista' tmur, u kecciha. Tghid li meta beda jissuggerilha li kienet accettat flus jew rigali, wara li qaghdet tahseb, hasbet li kien qed jirreferi ghal kurcifiss li kellha m'ghonqha li kienet tatulha xi hadd mill-istaff li kienet siefret u gabithulha bhala souvenier. Tghid li l-gizirana ziditha hi. Is-salib in kwistjoni tal-metal u gie esebit bhala

doklument AV31. Tghid li Tranter baqa' qatt ma qalilha min kien qed jallega li taha flus. Hija tichad li rceviet flus biex taghti kamra individwali lil xi residenti.

Dwar il-Lm100 ta' Taliana, ir-rikorrenti tghid li d-decizjoni tat-trasferiment ta' omm Taliana, bhal kull trasferiment iehor, kien f'idejn Bord appost, u Taliana kienet taf b'dan. Tghid li Taliana kienet taghmillha hafna kumplimenti, anzi sal-punt li kienet spiccat iddejjaqha. Kienet spiss tigi tirrapport kull nuqqas li jaghmlu shabha, avolja suppost tirrapporta mas-superjura taghha next-in-line. Finalment Vella tghid li hi la rceviet il-Lm100 u anqas ebda gizirana (imma biss kurcifiss li ingabilha bhala souvenier). Dwar li gie konkluz li l-kumpanija ma kienx fadlilha fiducja fiha, tghid li mill-1994 sal-2003 inhargitilha ittra kollha tifhir, imbghad sena u nofs wara inqaleb kollox. Ir-rikorrenti tichad li hija qatt kellha x'taqsam mal-pagi tal-haddiem u l-akkuza ta' rati ta' hlas hziena kien bla bazi. Tghid li l-pagi kienet tiehu hsiebhom is-segretarja tal-Head Office certa Karen Leonardi. Dwar li gabet ghajnuna ta' care-worker fir-Role Change Day, ir-rikorrenti ammettiet li dan kien veru ghaliex ix-xoghol li kellha taghmel ta' delivery-person kien tqil ghaliha, partikolarment li terfa' c-cilindri tqal tal-ossignu.

Dwar il-bejgh ta' oggetti ta' residenti tghid li kien hemm okkazjonijiet fejn qraba ta' residenti li mietu meta l-oggetti kienu ghadhom godda gieli kienu jitolbuha tixtrihom hi biex tbieghhom lil min jigi bzonnhom wara. Ir-rikorrenti tghid li kien hemm xi kazijiet li ghamlet hekk.

Dwar il-flus tal-Kappella tghid li dawn kien jikkontrollahom is-security, pero` kienu jinzammu fl-officju taghha 'for safe-keeping'.

Oliver Caruana xhed li missieru kien go Home Marsascala u ttrasferih ghaz-Zejtun sa ma miet. Jghid li Marsascala ftit kien jinghata attenzjoni, pero` fiz-Zejtun kellu attenzjoni mill-aqwa.

Paul Attard xhed li huwa kien jahdem ta' Chief Security u Health and Safety Officer mal-Care Malta. Jghid li kien hemm okkazjonijiet fejn wara li jispicca d-duty tieghu, ir-rikorrenti kienet titolbu jaghmel xi bicca xoghol extra, bla

hlas, imma imbaghad kien jiekol mir-residenza. Dwar l-oggetti li kienu jhallu r-residenti li jmutu jghid li kellhom kamra li kienu juzawha biex fiha izommu dawn l-oggetti, l-aktar fridges zghar, pero ma kienx jaf meta dawn jithallew hemm b'xejn u meta dawn jithallew biex jinbieghu, ghax dak kien f'idejn il-manager. Dwaric-Chapel Fund jghid li huwa "wirtu" minn ghand ic-Chief Security ta' qablu li gia' kien fih fuq l-elf lira Maltija. Id-donazzjonijiet u d-dhul kkollu kien jitnizzel f'pitazz apposta. Gieli kienu jorganizzaw xi lotterija biex iziduh. Jghid li wara li tkecciet ir-rikorrenti kienu gew isaqsuh hafna fuq is-sinjura Vella, pero` hu ma kellu xejn hazin x'jirrapporta. Jghid li l-individwu seta ' jaghti donazzjoni kemm irid, u jiddeciedi hu jekk iridx jaghtihom lill-qassis direttament jew jaghtihomx ghac-Chapel Fund, biex bihom jinxtraw fjuri, ostji, inbid, u oggetti ghall-kappella.

Elaine Atkins regghet xhedet quddiem dan it-Tribunal, li kkonfermat li qatt ma rat xejn hazon fl-operat tar-rikorrenti, la mar-residenti u anqas mal-haddiema. Ikkonfermat li l-flus li kienu jinghataw lill-care-workers bhala rigal kienu jingabru bhala fund u fil-Milied jinqasmu bejn il-haddiema kollha indaqs. kien jinzamm rendikont miktub ta' dawn id-donazzjonijiet.

Maria Schembri xhedet fit-Tribunal ukoll li s-sinjura Vella kienet tkun iebsa maghhom meta jizbaljaw, imma kienet xorta tmur tajjeb mal-haddiema. Stefanie Said ikkonfermat li r-rikorrentikienet tmur tajjeb mal-haddiema. Dwar Maria Taliana tghid li bhala fatt din kienet ghamlet hbieb maghha sew u anke kienu johorgu flimkien, imma meta imbaghad din Stefanie Said lahqet senior, Taliana li applikat ghaliha u ma hadithiex ma baqghetx daqstant hbieb maghha. Tghid li fil-Home kien hemm residenti l-kunjata ta' Taliana, u din kienet imwerwra minn din Taliana, u kienet twissi lil kulhadd biex jibzghu minnha. L-Arciprie Eric Overend jghid li kien iqaddes fil-kappellat tal-Home taz-Zejtun, pero' hu ma kellux x'jaqsam mal-ispejjez tal-kappella. Jghid li kienet tinzamm fi stat tajjeb u kienet moqdija b'dak kollu li kienet tehtieg. Jghid li l-qassis residenti Fr Bugelli mhux talli qatt ma lmentalu xejn dwar donazzjonijiet tal-kappella, talli dejjem qallu kemm kollox kien jimxi tajjeb.

Tessie Bonnici tghid li kienet hadmet ta' Care Worker u Activity Coordinator fiz-Zejtun, u tghid li sa fejn taf hi Vella kienet tmur tajjeb kemm mar-residenti kif ukoll mal-haddiema. Pero` tghid li kien hemm certi haddiema kienu arroganti, jew goffi mal-anzjani. Tghid li Taliana kienet arroganti hafna, u tagixxi "qisha l-boss". Kienet tghajjat kemm mal-anzjani u anke mal-haddiema, u anke ma' ommha anzjana. Tghid li llum il-gurnata din qed tahdem bhala 'Security.' Maria Taliana telghet tixhed u kkonfermat li tahdem 'security' mal-Care Malta stess. Tghid li l-affidavit bl-Ingliz kitbuhulha jew is-sur Tranter jew Charmaine Attard, ghax huma gew isaqsuha fuq ir-rikorrenti. Charmaine Attard ukoll regghet telghet tixhed. B'zieda ma' li qalet qabel tghid li r-rikorrenti holqot bhal klikek bejn il-haddiema, bhal meta xi domestics kienet tqabbadhom jahslulha l-karozza privata taghha. Allura dawn kienu jkunu aktar vicin taghha. Tghid li hi u Tranter wissewha biex ma taghmilx hekk imma Vella kienet tichad li taghmilha u tibqa' taghmilha, skond ma kienu jghidulha d-domestics stess.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

L-ammont kbir ta' provi imressqa jaghti lok ghal riassunt ta' dak li dan it-Tribunal jikkonkludi li gara. Jidher li r-rikorrenti kienet kapaci hafna ghar-rwol ta' manager tal-Home taz-Zejtun, u din il-Home giet il-quddiem bis-sahha taghha. Dan kien anke rikonoxxut mic-Chairman tal-kumpanija intimata. Jidher pero' li maz-zmien ir-rikorrenti bdiet tabbuza xi ftit mill-pozizzjoni taghha, u bdiet taghmel affarijiet li setghu saru ahjar. Per ezempju issemmew ilmenti bhal preferenzi bejn haddiema li kienu jinhabbu maghha, u dan fit-tqassim tax-*shift u leave*. Sfortunatament il-kumpanija intimata ghazlet li ma tressaq lil hadd mill-haddiema li kellhom x'jilmentaw mis-sinjura Vella, u allura t-Tribunal ghandu quddiemu biss dawk il-haddiema li kellhom kliem ta' tifhir lejn ir-rikorrenti. Dan it-Tribunal ma jistax jiehu l-kliem tas-Sur Alex Tranter u tas-Sinjorina Charmaine Attard bhala Vangelu, u fil-waqt li t-

Tribunal jasal li jifhem li ma ngiebux anzjani biex jikkorroboraw l-ilmenti avvanzati mill-kumpanija, dan it-Tribunal ma jarax ghalxiex ma ngiebu ebda haddiema li kellhom x'jilmentaw mis-sinjura Vella. Ghalhekk, ghalkemm dan it-Tribunal ihoss li hemm verita' fl-ilment li s-sinjura Vella kienet tabbuza meta kienet tippermetti certi laxkezzi jew preferenzi, m'ghandux quddiemu provi ta' min jorbot fuqhom in rigward tal-ilmenti li fi kliem Charmaine Attard wasslu ghall-'*build-up*' ta' ilmenti fil-konfront tar-rikorrenti.

Dan it-Tribunal ghandu quddiemu lista' ta' warnings u lmenti kif deskritti mis-sur Alex Tranter, pero` frankament il-warnings mhumiex ta' entita' li jwasslu ghal tkeccija. Kien hemm zewg warnings ghaliex ir-rikorrenti, il-manager tal-Home, ma kinitx f'postha f'xi hin partikolari; kien hemm twissija li kien hemm bzonn li s-sinjura Vella tiehu *breaks* iqsar, u kien hemm ilment li xi invoices kienu hadu zmien twil biex intbaghatu l-Head Office. Anzi, meta tqis li r-rikorrenti ressqet provi mhux kontestati mill-intimata li hija suppost kienet tahdem sal-5:00pm imma kienet tibqa' sal-10:00 u l-11:00 ta' bil-lejl, l-ilment ta' *breaks* twal juri elementi ta' tustagni u ingratitudni. Dan it-Tribunal ma jistax ma josservax l-arroganza tas-Sur Alex Tranter li rribatta dan il-fatt billi staqsa lill-avukat tas-sinjura Vella jekk kienx prezenti fil-Home fl-10:00 ta' bil-lejl. U allura din l-attitudni xejn pregevoli twassal lit-Tribunal biex jemmen li dan is-Sur Tranter ma kellux rispett lejn ir-rikorrenti. Anke l-ammont ta' akkuzi mahruga fl-ittra tal-11 ta' Gunju 2010 turi elementi ta' tfettiq. Jissemma kif 5 snin qabel dik l-ittra r-rikorrenti ammettiet li accettat gizirana; apparti li dan kien pendent ta' kurcifiss u mhux gizirana, f'5 snin il-kumpanija intimata ma rnexxielha ggib ebda prova dwar dan, u allura t-Tribunal jistrih fuq dak li qalet ir-rikorrenti li dan kienet taghtulha impjegata bhal souvenier. Jissemma li l-haddiema kienu jithallsu b'rati baxxi, meta rrizulta li r-rikorrenti ma kellha x'taqsam xejn mal-pagi li kienu jinhadmu mill-Head Office tal-kumpanija. Jissemma li fir-Role Change Day ir-rikorrenti giet mghejjuna minn impjegata biex taghmel ix-xoghol tad-*delivery*: dan it-Tribunal jara din l-akkuza bhala tiftix tax-xaghra fl-ghagina. Anke l-akkuza tal-flus tac-Chapel Fund tidher li kienet parti minn ezercizzju biex tinstab gustifikazzjoni ghat-tkeccija tas-

sinjura Vella, ghaliex jirrizulta li l-kumpanija kienet ilha taf b'dan u hadd ma kellu x'jilmenta minnha. Anqas ma jirrizulta veru li l-qassis residenti kien qed jilmenta li l-flus suppost kellu jehodhom hu imma kienu qed jisparixxu; anzi jirrizulta li l-qassisin kienu kuntenti bis-sistema kif kienet.

Hemm imbaghad l-akkuza li Vella ppermettiet lil haddiema jieklu mill-Home meta ma jkunux *duty*. Il-kumpanija intimata ma ressqitx xhieda dwar dan, pero r-rikorrenti ressqet lic-chief security li ammetta li gieli ghamel hekk, partikolarment meta s-sinjura Vella tkun talbitu xi bicca xoghol waqt li jkun *off-duty*. Dan it-Tribunal iqis din bhala irregolarita`, li taqa' fil-mansjoni ta' dak li aktar qabel sejhilhom 'laxkezzi' u abbuzi minuri da parti tar-rikorrenti.

Anke l-procedura li adottat ir-rikorrenti li tixtri certi oggetti minn ghand il-qraba tar-residenti li jmutu imbaghad tbieghhom mhix wahda "nadifa u trasparenti." Tal-inqas ir-rikorrenti messha zammet file b'rendikont tal-flus li jidhlu meta jinbieghu l-oggetti, u tal-flus li johorgu meta jinxtraw l-oggetti. Kien imur li r-rikorrenti tiehu direzzjoni dwar dan minn ghand is-superjuri taghha tal-Head Office.

Dwar l-akkuza li r-rikorrenti hadet Lm50 minn ghand residenti biex titrasferih ghal kamra wahdu, dan it-Tribunal huwa propens li jaccetta li dan verament sehh. Pero` hawnhekk it-Tribunal ihoss li ghal darba ohra l-kumpanija intimata naqset li tirrispetta dan il-process kwazi-gudizzjarju meta f'ebda stadju ta' dan il-kaz ma gie indikat min kien dan ir-resident. Is-sur Tranter xhed li ma xtaqx jizvela l-ismijiet tal-anzjani li lmentaw mieghu biex ma jdahhalhomx fl-inkwiet, u dan kien sew kieku r-rikorrenti kienet ghadha manager hemmhekk jew kien ghad hemm il-possibilita` ta' reinstatement. Pero' , bhal ma ssostni l-kumpanija intimata stess, peress li qed nitkellmu fuq pozizzjoni ta' fiducja mhemmx lok ta' reinstatement, u allura l-kumpanija ma kellhiex ghalxiex issib diffikulta' tghid min kienu l-anzjani li lmentaw maghha. Iktar u iktar dan japplika ghal dak ir-resident li allega li hallas Lm50, gialdarba kemm is-sur Tranter kif ukoll Charmaine Attard sostnew li dan ir-resident kien gia' miet.

B'dan in-nuqqas da parti tal-kumpanija intimata, ir-rikorrenti thalliet f'pozizzjoni li m'ghandha xejn x'tirribatti hlief li tghid li hi qatt ma rciviet flus.

Jidher li l-Bord tad-Dixxiplina tal-2010 wasal ghall-konkluzjoni li l-unici zewg ilmenti gustifikati huma l-bejgh ta' oggetti ta' residenti mejtin, li dan it-Tribunal jaqbel li ma kinitx imgieba korretta, u l-accettazzjoni ta' Lm100 minn ghand Maria Taliana. Dwar din Maria Taliana, anke dan it-Tribunal ghandu dubji mill-awtenticita' taghha, in kwantu din uriet li hija persuna li taghmel minn kollox biex tinghogob ma' min hu fuqha, u dan sia billi taghmlilhom favuri mhux mistennija minnhom kif ukoll billi "tiġġagbina" u tirrapporta lil shabha mal-istess superjuri taghha sabiex hi tidher ahjar. B'kollox ma' kollox, dan it-Tribunal jemmen li din Taliana ghaddiet Lm100 lil Vella, pero`, ghalkemm hija poggiet dan ir-"rigal" f'kuntest ta' tixhim, wiehed jista' jarah minn angolu iehor. L-ewwel Lm50 mal-card tal-birthday certament jista' jitqies bhal birthday present bejn kollegi, u allura dan it-Tribunal ma jhossx li r-rikorrenti ghandha tigi ssanzjonata dwar dan. Dwar it-tieni Lm50, ghalkemm ir-rikorrenti cahdet li qatt irceviet flus minn ghand Taliana, dan it-Tribunal xorta jemmen li dawn il-flus hadithom. Pero` ma jirrizultax li kien hemm xi diskors fis-sens li dawn il-flus kienu qed jinghataw bhal tixhim jew bhal rigal talli s-sinjura Vella ghenitha fl-applikazzjoni ghat-trasferiment ta' ommha. U allura jista' jkun hemm possibilita` li s-sinjura Vella accettat dan ir-"rigal" fl-ambitu ta' persuna li qed taghmel minn kollox biex tinghogob, u mhux bhala tixhima. Fi kwalunkwe kaz, dan it-Tribunal ihoss li r-rikorrenti ma messhiex accettat dawn it-tieni Lm50.

Wara li inghad dan kollu, dan it-Tribunal jikkonkludi li fil-waqt li l-warnings moghtija lir-rikorrenti kienu trivjali, il-procedura tal-bejgh tal-oggetti tar-residenti li mietu, il-permess moghti lill-haddiema off-duty li jieklu mill-Home, u l-accettazzjoni ta' Lm50 minn ghand Maria Taliana kienu kollha jimmeritaw warning formali, liema warning ikun ifisser li l-persuna tkun qed tigi avvzata li jekk terga' tonqos hija titkecca. Kieku dawn il-warnings hargu fi zminijiet differenti qabel ma tkecciet, dan it-Tribunal kien ikun aktar seren jaccetta li t-

tkeccija tas-sinjura Vella bhala wahda gusitifikata, pero` dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax li dawn it-tliet nuqqasijiet kollha gew skoperti WARA li s-sinjura Vella kienet diga' tkecciet fl-2005. U allura dan it-Tribunal ikollu jirrimarka li r-rikorrenti l-ewwel tkecciet sommarjament, imbaghad sar ezercizzju minn Alex Tranter u minn Charmaine Attard biex tinstab gustifikazzjoni ghal tali tkeccija. Mela fiha nnifisha, t-tkeccija ma gietx bazata fuq fatti gustifikati, u ghal dan ir-rikorrenti jimmeritha tigi kkompensata. Pero' kif inghad, wara irrizultaw affarijiet ohrajn, li xorta setghu iwasslu ghat-tkeccija kieku r-rikorrenti inzammet fl-impieg ftit iehor. Ghalhekk, dan it-tribunal jehtieglu jikkalkola kumpens a bazi ta' fatti li jimmiltaw kemm favur kif ukoll kontra l-istess rikorrenti. Ir-rikorrenti gabet hafna u hafna provi, pero` ma jirrizutlax li gabet prova ta' x'kien l-introjtu taghha f'dan l-impieg, haga li kienet necessarja biex il-kumpens jigi kkalkolat b'mod aktar gust.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddecidi dan il-kaz billi jiddikjara li r-rikorrenti tkecciet ghal ragunijiet mhux gustifikati fil-ligi u allura timmerita kumpens, pero` jiddikjara li sussegwentement irrizultaw fatti li in parte ggustifikaw tali tkeccija, u li f'dan il-kuntest, u fil-kuntest ta' snin ta' proceduri, il-kumpanija intimata qed tigi ordnata thallas lir-rikorrent kumpens globali ta' erbatax –il elf Euro (€14,000.00) fi zmien erbghin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman